MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 118/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonnici)**
**Vs**
**Ivan Cortis**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Dicembru, 2003, ghall-habta ta' 3.45 p.m., fi Triq il-Vajrita kantuniera ma' Triq il-Qaliet, M'Scala, waqt li kien qed isuq vettura nru. CAL-852 :**
**1) naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika "Stop";**
**2) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' mutur nru. GBB-331 u nvolontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Timothy Mc Gahern;**

**3) u aktar fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. A. Agius M.D. ta' S.L.H.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 t'April, 2005, li biha, wara li rat l-artikolu 82 AL 128/94, 328 u 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (LM100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 t'April, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti :-**
**a. li l-ewwel akkuza hija preskritta bit-trapass ta' tlett xhur;**
**b. illi dwar it-tieni akkuza ma tressqet l-ebda prova quddiem l-Ewwel Qorti ta' xi dannu li allegatament seta gie soffert minn Timothy Mc Gahern;**
**c. li dwar it-tielet akkuza ma ngabet l-ebda prova li Timothy Mc Gahern sofra griehi ta' natura gravi fl-incident u li c-certifikat mediku esebit mill-prosekuzzjoni ma kellu l-ebda valur probatorju ghax ma giex konfermat bil-gurament quddiem il-Qorti u lanqas permezz t'affidavit kif kien hemm il-fakulta' li jsir.**

**Rat il-fedina penali aggornata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Semghet ix-xhieda tal-uniku xhud PS 91 Michael Buttigieg.**

**Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni aderiet mal-ewwel aggravju tal-appellant li l-ewwel akkuza hija preskritta.**

**Rat il-verbal ulterjuri tal-prosekuzzjoni li bih iddikjarat li l-akkuza ta' offiza gravi zgur li ma gietx pruvata u li**

**kienet qed tirrimmetti ruha ghar-rigward tal-aggravji li jikkoncernaw it-tieni w it-tielet imputazzjoni.**

**Ikkonsidrat,**

**Illi stante li l-prosekuzzjoni aderiet mal-aggravju tal-appellant li l-ewwel imputazzjoni hija preskritta, liema aggravju anki din il-Qorti thoss illi huwa ben fondat, dan l-aggravju qed jigi milqugh minn din il-Qorti.**

**Illi dwar it-tieni w it-tielet aggravji, ghalkemm ma hemmx dubbju li rrizultat kollizzjoni bejn il-vettura misjuqa mill-appellant u dik ta' Timothy Mc Gahern, ma hemm ebda prova ammissibbli fil-process li fil-fatt Timothy Mc Gahern sofra xi danni bhala rizultat ta' din il-kollizzjoni w lanqas li huwa sofra xi offizi ta' natura gravi w involontarja, jew del resto ta' xi offiza kwalsiasi fl-imsemmi incident ghaliex it-tabib li ccertifika l-offizi qatt ma kkonferma c-certifikat bil-gurament quddiem il-Qorti w lanqas permezz ta' affidavit.**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-appell kif gej. Tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara l-ewwel imputazzjoni preskritta w lill-appellant mhux hati tat-tieni w it-tielet imputazzjoni minhabba nuqqas ta' provi u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------